



# IL-ĠIMMGħA EWROPEA GĦALL-ĦILIET VOKAZZJONALI



**2019** Sett ta' Għodod dwar ir-Relazzjonijiet  
mal-Midja

#DiscoverYourTalent



## Dwar is-sett ta' għodod dwar ir-relazzjonijiet mal-midja

Jekk int interessat tkun parti mill-Ġimġha Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019, u tixtieq tippromwovi l-avvenimenti u l-attivitajiet tiegħek, mela dan is-sett ta' għodod huwa tajjeb għalik. Huwa jiggwidak tul id-diversi kanali tal-midja li tista' tuża biex tqajjem kuxjenza dwar il-Ġimġha u l-benefiċċji tal-edukazzjoni u t-taħriġ vakazzjonali (ETV) madwar l-Ewropa.

Dan is-sett ta' għodd jipprovdi dan li ġej:

- Pariri u konsulenza dwar kif tavviċina lill-midja u kif tagħmel l-istorja tiegħek tispikka.
- Gwida dwar kif tipprepara stqarrija għall-istampa u mudell biex tadattah u tibagħtu.
- Sorsi għall-fatti u ċ-ċifri.
- Pariri dwar it-twettiq ta' intervisti fuq il-midja.



## Għaliex għandek tgħid lill-midja dwar l-involviment tiegħek fil-Ġimġha Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali?

L-ewwel tliet Ġimġhat Ewropej għall-Ħiliet Vokazzjonali kienu ta' suċċess, u l-Kummissjoni Ewropea issa qed torganizza r-raba' Ġimġha biex tkompli tqajjem kuxjenza dwar l-ETV. Il-Ġimġha uffiċċali se tiġi organizzata bejn l-14 u t-18 ta' Ottubru 2019 u matul is-sena, madwar l-Ewropa, se jiġu organizzati mijiet ta' avvenimenti relatati mal-ETV. L-avveniment Ewropew se jsir f'Helsinki.

Il-Ġimġha u l-kampanja ta' komunikazzjoni korrispondenti tagħha jlaqqgħu lill-fornituri tal-edukazzjonu u t-taħriġ, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-awtoritatijiet pubbliċi, lill-organizzazzjonijiet tan-negozju u lill-pubbliku ġenerali sabiex l-ETV isir aktar magħruf madwar l-Ewropa. Il-Ġimġha għandha l-għan li turi l-ħafna opportunitajiet li l-ETV jista' jipprovdi liż-żgħażaq għad-did u l-ġibnejha. It-tema ta' din is-sena hija "ETV għal KULĦADD – Ħiliet għall-Ħajja", u għalhekk sejkun hemm enfasi speċjali fuq l-aspetti, eċċellenti inklużivi u tul il-ħajja tal-ETV.

Int tista' tuża l-kopertura tal-midja biex tippromwovi l-avveniment/l-attivitā tiegħek u turi kif dan/din jaqbel/taqbel mal-Ġimġha. Dan jgħin biex aktar nies isiru konxji li l-avveniment/l-attivitā tiegħek se jseħħ/sseħħ u jimmotivahom biex jieħdu sehem. Il-kopertura tal-midja tista' tgħinek ukoll tattira aktar attenzjoni lejn l-organizzazzjoni tiegħek lil hinn min-netwerks eżistenti tiegħek, u xxerred sew il-messaġġ tal-avveniment u tal-Ġimġha. Dan se jgħin fis-sensibilizzazzjoni u biex tinbidel il-perċezzjoni tal-ETV f'pajjiżek.

It-tipi ta' midja li jistgħu jkunu interessati fil-Ġimgħa jinkludu dawn li ġejjin:

### Gazzetti lokali, siti web, bloggs



Gazzetti lokali, siti web u bloggs jistgħu jiġu avviċinati qabel l-avveniment jew l-attività tiegħek sabiex iħeġġu lin-nies jattendu. Stqarrija għall-istampa ġimħaqx qabel l-avveniment, flimkien ma' tfakkira qabel huwa approċċ tajjeb hawnhekk. Tista' wkoll iċċempel lil kwalunkwe ċentru tal-midja li tixtieq biex ikopri l-avveniment tiegħek, sabiex tgħin biex tingħibed l-attenzjoni lejn l-avveniment/l-attività tiegħek. Il-pubblikazzjoni jew l-istazzjon jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu storja ta' qabel l-avveniment jew jippreferu jattendu matul il-jum u jiktbu storja bbażata fuq l-esperjenza tagħhom.

### Elenki ta' avvenimenti



L-elenki ta' avvenimenti huma mod tajjeb ħafna kif tħeġġeġ lin-nies jattendu għall-avveniment tiegħek, minħabba li n-nies normalment ikunu ġerqanin biex jisimħu dwar avvenimenti li jkunu se jittellgħu fiż-żona lokali tagħhom. Kull elenku għandu r-rekwiżiti proprji tiegħu, u b'hekk jeħtieġ li tagħmel ffit tar-riċerka dwar kif l-aħjar tissottommetti l-avveniment tiegħek.

### Gazzetti nazzjonali



Gazzetti nazzjonali jistgħu jkunu interessati li jisimħu dwar il-Ġimgħa u l-avvenimenti u l-attività tiegħi kollha li jkunu qiegħdin iseħħu. Li tipprovd fatti u ċifri li jkunu rilevanti għal udjenza ġeneral, kwotazzjonijiet u opportunitajiet għal intervisti interessanti jista' jgħin biex jattira l-interess ta' dawn il-pubblikazzjonijiet.

### Pubblikazzjonijiet speċjalizzati



Pubblikazzjonijiet speċjalizzati ukoll jafikunu interessati li jisimħu dwar il-Ġimgħa. Għandek tavviċina lil dawn malajr kemm jista' jkun minħabba li l-kalendari editorjali tagħhom jistgħu jidher qabel. L-informazzjoni li tipprovd lil dawn il-pubblikazzjonijiet tista' tkun aktar teknika u tipprovd aċċess għal espert interessanti jew xhud li jgħin biex iħeġġeġ il-kopertura.

### Radju u TV



Ir-radju u t-TV jistgħu jkunu interessati, b'mod partikolari rigward avvenimenti aktar fuq tagħhom u mhux tas-soltu li jkunu se jittellgħu minħabba li dawn jipprovdu sfond tajjeb għall-iffilmjar u rekording.



## Relazzjonijiet mal-midja

Din hija lista sempliċi ta' kontroll li tista' ssegwi sabiex tikseb kopertura għall-avveniment tiegħek u I-Ġimħa Ewropea għall-Hejjah Vokazzjonali. Din hija segwita minn suġġerimenti u pariri aktar dettaljati.

### **Listta ta' kontroll tar-relazzjonijiet mal-midja**

- ✓ Iddeċiedi liema midja tixtieq tavviċina.
- ✓ Adatta I-mudell tal-istqarrija għall-istampa b'informazzjoni dwar l-avveniment tiegħek.
- ✓ Inkludi stejjer u informazzjoni speċifiċi għall-pajjiż/għar-reġjun interessanti u rilevanti.
- ✓ Aqsam ritratti, vidjows, kwotazzjonijiet, infografika, eċċi li jistgħu jiġu ppubblikati.
- ✓ Aħseb dwar min tista' tkun persuna potenzjali li tiġi intervistata.
- ✓ Ibgħat l-istqarrija għall-istampa u ritratti lil kuntatti tal-midja permezz ta' email.
- ✓ Segwi dan b'telefonata lill-mezzi tal-midja ewlenin.
- ✓ Inkludi ismek u d-dettalji ta' kuntatt sabiex tkun tista' twieġeb il-mistoqsijet.
- ✓ Dakinhar kun preżenti biex tilqa' lill-ġurnalisti u biex tintroduċilhom nies interessanti.

### **L-identifikazzjoni ta' liema midja se tavviċina**

L-ewwel pass huwa li tidentifika liema midja tkopri ż-żona lokali jew reġjonali tiegħek. Tista' ssib id-dettalji ta' kuntatt tal-ġurnalisti li jkopru avvenimenti lokali, kwistjonijiet ta' impjieggi u edukazzjoni, il-politika soċjali jew kwistjonijiet Ewropej billi żżur is-sit web tagħhom jew iċċempel lill-uffiċċi tal-midja tagħhom. Tista' tara wkoll kif tissottommetti l-avveniment tiegħek fl-elenki tal-avvenimenti tagħhom.

**Suġġeriment:** Listta ta' kuntatti tajba hija l-ewwel pass għal kopertura tal-midja ta' suċċess. Li l-avveniment tiegħek jiġi inkluż f'elenki ta' avvenimenti jagħtik ukoll aktar viżibbiltà.



### **It-tħejjija ta' stqarrija għall-istampa**

L-aħjar mod kif tipprovd informazzjoni lill-midja huwa billi tibgħat stqarrija għall-istampa. Bħala bażi, tista' tuża I-mudell tal-istqarrija għall-istampa tal-Ġimħa Ewropea għall-Hejjah Vokazzjonali disponibbli fuq is-sit web. Aghħel mudell bil-lingwa li teħtieġ u mbagħad sempliċement imla l-informazzjoni dwar l-avveniment/l-attività tiegħek u kwalunkwe informazzjoni speċifika għar-reġjun li taħseb li tkun interessanti u rilevanti.

Il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet tal-midja jippreferu jirċieu stqarrijiet għall-istampa fit-test ewljeni ta' email, minflok bħala dokument mehmuż, b'hekk ikkopja u ppejsta l-istqarrija għall-istampa f'email qabel ma tibgħatha.

#### Suġġerimenti:

- Qiegħed l-informazzjoni importanti ħafna l-ewwel. Dejjem ipprova wieġeb xiex, min, meta, fejn u għaliex.
- Uża sentenzi qosra u lingwa dinamika.
- Evita kliem tekniku u lingwa speċjalizzata, u spjega l-abbrevjazzjonijiet.
- Tinsiex tinkludi kwotazzjonijiet u ċifri.
- Ibgħat ritratt li l-ġurnalisti jistgħu jużaw (inkludi biss ritratti li jistgħu jippubblikaw mingħajr il-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet tad-data personali)
- Inkludi d-dettalji ta' kuntatt tiegħek għall-mistoqsijiet.



## Agħti l-ħajja lill-istqarrija għall-istampa tiegħek

L-ġhan tal-istqarrija għall-istampa tiegħek huwa li tipprovd i-l-ġurnalisti informazzjoni rilevanti u importanti, barra minn materjal addizzjonali li huma jkunu jistgħu jippubblikaw bħal ritratti, kwotazzjonijiet, infografika, fatti u ċifri.



#### Identità viżiva tal-Ġimgħha Ewropea għall-Ħiljet

**Vokazzjonali:** Dawn għandhom jiġu miżjudha mal-istqarrijiet għall-istampa kollha biex juru li l-avveniment tiegħek huwa parti mill-Ġimgħha. Dawn il-viżwali huma disponibbli fuq [is-sit web](#).



**Ritratti ta' avvenimenti:** Ritratti minn avvenimenti preċedenti tiegħek huma ideali biex tinkludihom fl-istqarrijiet għall-istampa. Hija għalhekk prassi tajba li dejjem tkun żgur li n-nies fl-avvenimenti tiegħek ikunu jafu li jkunu qed jiġu fotografati u li jifhmu kif jistgħu jintużaw l-immaġnijiet. Dan jista' jinkiseb permezz taż-żieda ta' sentenza fuq l-inviti jew il-biljetti. Tista' wkoll tuża posters li jispjegaw dan dak il-jum. Huwa importanti li tirrispetta l-fatt li n-nies jistgħu ma jkunux iridu li huma jew uliedhom jiġi jidhru f'ritratti. Għal ritratti ta' individwi, ikollok bżonn li jiffirmawlek formola ta' rilaxx. Għalhekk jaf ikun l-aħjar li tiffoka fuq ritratti ta' gruppi fejn l-individwi mhumiex identifikabbli.



**Ritratti tad-dominju pubbliku:** Jekk qed tikseb immaġnijiet minn fuq l-internet, żomm f'moħħok kwalunkwe rekwiżit tad-drittijiet tal-awtur. Sabiex tkun moħħok mistrieħ, tista' tmur għal immaġnijiet fid-dominju pubbliku minn siti bħal [Pixabay](#) u [Unsplash](#) minħabba li r-restrizzjonijiet fuq il-liċenzja tagħhom huma sempliċi biex jiġu segwiti.



**Vidjows:** Inkludi link għall-vidjows tal-Ğimħha, li jistgħu jinsabu fuq is-sit web, u li wħud minnhom għandhom sottotitoli bil-lingwi kollha tal-UE. Il-vidjows huma tajbin ħafna biex jiġbdu l-attenzjoni tan-nies u jistgħu jintużaw minn stazzjonijiet tat-TV u verżjonijiet online ta' pubblikazzjonijiet lokali u nazzjonali.



**Stejjer ta' ispirazzjoni:** Agħżej stejjer mil-librerija [Aqsam I-Istejjer Tiegħek](#) u adatta l-kontenut mis-sit web tal-Ğimħha tiegħek biex turi l-importanza tal-ETV, tal-Ğimħha u tal-avveniment tiegħek.



**Kwotazzjonijiet:** Hija idea tajba li fl-istqarrija għall-istampa tiegħek tinkludi kwotazzjoni. Din tista' tkun minn kelliema fl-avveniment tiegħek, esperti mill-organizzazzjoni tiegħek jew xhieda minn studenti.



**Fatti u ċifri dwar l-ETV:** Dawn jistgħu jkunu reġjonali, speċifiċi għall-pajjiż jew tal-UE kollha.


## Il-ksib ta' fatti u ċifri

L-organizzazzjoni tiegħek jista' jkollha aċċess għal fatti u ċifri interessanti u rilevanti. Inkella, dawn huma xi sorsi Ewropej ta' fatti u ċifri spċċiċi għall-pajjiż li int tista' ssib ta' għajnejn. Tinsiex dejjem tikkwota s-sors:


- Il-monitoraġġ tal-edukazzjoni u t-taħriġ 2018: rapporti tal-pajjiżi, skedi informattivi u infografika (DG EAC).
- Rapporti tal-pajjiżi dwar I-ETV fl-Ewropa (Cedefop).
- Bażi tad-Data Dinjija tat-TVET – profili tal-pajjiżi (Iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (UNEVOC) u I-UNESCO).
- Bażi ta' Data dwar I-Edukazzjoni UOE (UNESCO, OECD u Eurostat)
- Statistika dwar it-Taħriġ u I-Edukazzjoni Vokazzjonali (Eurostat).
- Statistika tat-Tagħlim għall-Adulti (Eurostat).

Tista' tiċċekkja wkoll mal-aġenziji nazzjonali tal-ETV, u mal-ministeru/mad-dipartiment għall-edukazzjoni jew għax-xogħol fil-pajjiż tiegħek, minħabba li dawn aktarx ikollhom rapporti nazzjonali dwar I-ETV.


Statistika tal-livell tal-UE tista' tiprovd paragun interessanti u I-Eurostat huwa sors tajjeb ta' tali data;




**48%** tal-istudenti tas-sekondarja għolja fl-Ewropa jipparteċipaw fl-ETV tas-sekondarja għolja (2017).




Ir-rata ta' impieg ta' gradwati riċenti tal-ETV fl-Ewropa żidiet għal **77.5% (2018)** meta mqabbla mal-**74.8 % (2017)**.



Il-perċentwal ta' adulti bi kwalifik baxxi fl-Ewropa huwa ta' **21.9% (2018)**, anqas minn **22.5 % (2017)**.



**72.2%** tal-kumpaniji fl-UE jipprovdu taħriġ vokazzjonali kontinwu lill-impiegati tagħhom (2015).



**11.1%** tal-popolazzjoni tal-Ewropa ta' bejn il-25 u l-64 sena tipparteċipa f'tagħlim għall-adulti (2018), aktar minn **10.9%** (2017).

## L-ispedizzjoni tal-istqarrija għall-istampa

Għall-**midja lokali u l-gazzetti ta' kuljum,** għandek tibgħat l-istqarrija għall-istampa madwar ġimx-nejn qabel l-avveniment. Hija idea tajba wkoll li tibgħat tfakkira jum jew tnejn qabel l-avveniment.

Għal **pubblikazzjonijiet jew rivisti speċjalizzati,** għandek tibgħat l-istqarrija għall-istampa aktar kmieni minħabba li l-kalendaru editorjali tagħhom jista' jimtelha minn qabel.

Tista' tissottommetti wkoll l-avveniment tiegħek lil **elenki tal-avvenimenti** sa xahar minn qabel, skont kif ikun imfassal kull elenku.

## Nibnu relazzjonijiet mal-ġurnalisti

Li tibni relazzjoni tajba mal-ġurnalisti jista' jgħinek tiġiġera kopertura. Tista' ċċemplilhom u tistedinhom biex ikopru l-avveniment tiegħek barra milli tibgħat l-istqarrija għall-istampa. Kun żgur li tistaqsi dwar kwalunkwe rekwiżit speċifiku li għandhom u li tibgħat il-avveniment. Ladarba l-jum jasal, qabbar persuna magħżuла apposta biex tilqagħhom u kun żgur li jkollhom l-informazzjoni kollha li jeħtieġu. Jaf tkun idea tajba li tipprintja xi kopji tal-fuljett dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019 biex jitqassmu. Il-fuljett jista' jinstab fuq is-sit web.

## **It-twettiq ta' intervisti ta' suċċess**

L-intervisti jistgħu isiru wiċċi imb’wiċċi waqt l-avveniment, bit-telefown jew bl-email. F’każ ta’ talba għal intervista, hemm xi informazzjoni bażika li għandek iżżomm f’moħħok:



### **Suġġerimenti:**

- ☛ Ipprovdi lill-ġurnalista b’xi informazzjoni ta’ sfond dwar l-organizzazzjoni tiegħek u dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali. Informazzjoni dwar il-Ġimgħa, l-isfond tagħha u temi għall-2019 jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali.
- ☛ Iddeċiedi minn qabel dwar dak li trid tgħid. Tista’ tagħmel ftit noti li jgħinuk waqt l-intervista.
- ☛ Iffoka fuq il-messaġġi ewlenin li trid tgħaddi u l-ewwel ippreżenta l-punti ewlenin tiegħek
- ☛ Kun konċiż u uża eżempji u stejjer personali biex l-istorja tiegħek tispikka.
- ☛ Ħalli barra d-dettalji ta’ kuntatt tiegħek f’każ li r-reporter ikollu bżonn jivverifika xi informazzjoni darbejn.
- ☛ Jaf tkun trid torganizza l-intervista ma’ xi ħadd ieħor bħal kelliem fl-avveniment tiegħek jew xi ħadd li jista’ jagħti xhieda. F’dak il-każ, iddeċiedi min tkun l-aħjar persuna li tīġi intervistata. Ivverifika magħhom jekk għandhomx pjaciż li jiġu kkuntattjati mill-istampa, u informahom dwar dak li għandhom jitkellmu dwaru u dwar il-messaġġi importanti tal-Ġimgħa. U mbagħad iffissa ħin li fih il-ġurnalista iċempel jew jiltaqa’ mal-persuna.



## Għodod utli

- ◆ **Mudell tal-istqarrija għall-istampa tal-Ġimgħa Ewropea għall-ħiliet Vokazzjonali:** Disponibbli bil-lingwi nazzjonali tal-UE kollha, u lest għalik biex tadattah u tibagħtu.
- ◆ **Il-librerija Aqsam I-Istorja Tiegħek:** Mimlija stejjer ta' suċċess interessanti għall-użu tiegħek. Ħossok liberu li żżid I-istejjer tiegħek ma' din ukoll!
- ◆ **Assi viżivi tal-kampanja:** Uri li r-ritratti u I-istejjer tiegħek huma parti mill-Ġimgħa.



## Mistoqsijiet frekwenti

### Kif nista' nagħmel I-istorja tiegħi aktar attraenti għall-midja?

Żomm f'moħħok li l-ġurnalisti jħobbu stejjer mill-ħajja reali. L-inklużjoni ta' stejjer personali, kwotazzjonijiet u ċifri jagħmlu l-istqarrija għall-istampa tiegħek tispikka.

### Il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi dettalji ta' kuntatt tal-midja?

Le. Minħabba li l-Ġimgħa u l-kampanja korrispondenti tagħha qed iseħħu fl-Istati Membri tal-UE, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati, dan mhux possibbli. Madankollu, dan is-sett ta' għodod jiprovvdi pariri dwar il-ħolqien ta' bażi tad-data tal-midja tajba u informazzjoni dwar kif tibni relazzjoni b'saħħiha mal-ġurnalisti.

### Jien għandi xi mistoqsijiet oħra – lil min nista' nikkuntattja?

Tista' tibagħtilna email hawn fuq [info@vocationalskillsweek.eu](mailto:info@vocationalskillsweek.eu) jew iċċemplilna fuq +44 (0)207 444 4264. Inkella, tista' tikkuntattjana fuq il-midja soċjali, permezz tal-kontijiet ta' hawn taħt.



## Ikkuntattjana

Aħna pjaċir tagħna li ngħinuk rigward kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-attivitajiet tar-relazzjonijiet tiegħek mal-midja.

**Email:** [info@vocationalskillsweek.eu](mailto:info@vocationalskillsweek.eu)

**Telefown:** +44 (0)207 444 4264